MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1119/2001/1

**Mark Fenech**

**vs**

**Dr Vincent Galea u l-PL Veronica Rossignaud li b'digriet tat-12 ta' Lulju 2001 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Sheyman Fenech nee Addas**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi fit-tmintax(18) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) f'Malta, gie iccelebrat iz-zwieg civili bejn il-kontendenti (DOK. "A") liema zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku permezz tal-Att bin-numru

ta' Iskrizzjoni elfejn u sebgha u hamsin ta' dik is-sena (2057/97);

Illi ukoll li l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirjiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-kontendenti li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ukoll li l-kunsens tal-kontendenti inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew id-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi dan kollu kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi ghalhekk, iz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fit-18 ta' Novembru 1997 huwa null u bla effett a tenur tal-artikolu dsatax (19) sub-incizi 1,(d) u (f) tal-Att dwar iz--Zwieg (Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta);

Illi l-attur ghalhekk talab li l-konvenuta tghid il-ghalhiex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1.Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-18 ta’ Novembru, tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) huwa null u bla effett skond il-ligi u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-Zwieg li kopja tieghu hi hawn annessa (DOK."A");

Bl-ispejjez - kontra l-konvenuta ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat id-digriet tat-12 ta’ Lulju 2001 fejn Dr Vincent Galea u l-PL Veronica Rossignaud gew appuntati bhala Kuraturi

Deputati ghall-assenti konvenuta Sheyman Fenech nee Addas (fol 6 sa 14).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati tat-8 ta' Jannar 2002 a fol 20 fejn gie eccepit:

1. Illi huma mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw minn issa d-dritt taghhom li jressqu dawk l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri.

2. Salv' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 21 sa 23 tal-process;

Rat il-verbali tal-4 ta' Frar 2002, tal-10 ta' April 2002 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta, inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet ta' 30 jum kull wiehed; u tal-5 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota tal-attur tas-26 ta' Gunju 2002 fejn prezenta l-affidavit tieghu stess u t'ohtu (fol 30 sa 35).

Rat il-verbali tas-27 ta' Gunju 2002, tat-8 ta' Jannar 2003 fejn Dr Lorraine Schembri Orland infurmat lill-Qorti li ma tafx fejn hu l-konvenut, xehed Steve Falzon u Dr Lorraine Schembri Orland iddikjarat li m'ghandiex provi aktar. Dr V Galea rrimetta ruhu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) PROVI PRODOTTI

Illi fl-affidavit tieghu l-attur **Mark Fenech** sostna:

"*Jien u l-konvenuta izzewwigna fit-11 ta' Novembru tas-sena 1997 u miz-zwieg taghha ma kellniex tfal. Nikkonferma id-dikjarazzjoni tieghi annessa mac-citazzjoni u nixtieq inzid ukoll is-segwenti.*

*Jien tifel uniku w il-genituri tieghi rabbewni fl-ghozza u b'sagrificcju tant li baghtuni skola privata minkejja li ma kienux ta' mezzi. Meta kelli xi hmistax-il sena, missieri gie iddijanjozat b'cancer kont hadtha bi kbira u erfajt ir-responsabbilita' li nghin il-familja finanzjarjament biex kemm ikun possibbli, il-genituri tieghi ma jbaghtux f'kaz li missieri ma jkunx jiflah. Fil-fatt kont anke hrigt nahdem part time mis-VIth form biex nghin.*

*Ghazilt li insegwi karrieri fl-Information Technology u spiccajt f'posizzjoni ta' responsabbilita u gawdejt minn paga u kondizzjonijiet tajbin hafna.*

*Eventwalment il-burraxxka tal-marda ta' missieri ikkalmat ghal ftit u kont settled fix-xoghol u fil-karriera. Kont qed indahhal salarju li kienet qed tippermettili certu kumditajiet li fi tfuliti, ma konniex stajna nippermettu.*
*Iltqajt ma' Sheyman fil-1995. Kienet giet ma' persuna ohra fejn kont qed nahdem tfittex impieg part time. Hi kienet ta' nazzjonalita Sirjana u kienet studenta fl-Universita ta' Malta fid-Dipartiment ta' Psikologija u Communications Studies.*

*Hi qaltli li trabbiet fl-Ingilterra izda il-familja taghha, sussegwentement irritornaw kollha kemm huma fil-United Arab Emirates fejn kompliet tircievi l-edukazzjoni taghha f'kullegg lokali. Kienet stqarret mieghi li hasset ruhha skomda f'kultura kompletament differenti ghal dak li kienet drat fl-Ingilterra. Sahansitra kienet irrifjutat li titghallem l-Arbi u spiccat imkeccija mill-kullegg minnhabba li l-*

*komportament u l-imgieba taghha kienu meqjusa westernized.*

*Sussegwentement Sheyman telqet lejn l-Ungarija biex tistudja il-medicina izda spiccat ukoll biex telqet qabel ma ikkompletat il-kors. Spiccat Malta tistudja ghall-B.Sc. Psychology and Communications.*

*Fiz-zmien li iltqajna, hi kienet qed tghix fir-residenza tal-Univsersita` go Hal Lija. Kellha biss student visa u ma setghetx tahdem hawn Malta. Mill-ewwel urietni li xtaqet tinqata' mill-kultura Arbija u li assolutament ma riedetx tmur lura lejn il-UAE. Hi talbitni nghinha u jien hekk ghamilt u ippruvajt insibilha impieg. Iltqajna darb'ohra meta ghaddietli id-dokumenti taghha ghal dan l-iskop.*

*Wara xi xahar kont jien li cempiltilha biex niltaqghu. Kont ghadni kemm spiccajt mat-tfajla li kelli u bdejt nohrog ma' Sheyman. Sirt naf li hi kellha guvni izda meta qaltlu li riedet thassar minn mieghu, dan, skond hi, kien beda jheddidha. Spiccajt li mort nghix maghha fil-University Residence sakemm l-affarijiet ikkalmaw u minn hemm bdejna relazzjoni fissa.*

*Dak iz zmien, minn naha tieghi, ma kien hemm ebda hsieb ta' zwieg. Fuq ix-xoghol l-affarijiet f'daqqa wahda saru disastruzi peress li l-partner li kelli biegh l-ishma tieghu lill-terza persuna u spiccajt barra bla hsieb. Kont dhalt f'dejn fuq il-karrozza tieghi u kelli wkoll arretrati ta' NI u VAT xi inhallas. Filli kont settled u bi prospetti sbieh, u f'illi sibt ruhi bla impieg u bid-dejn.*

*Fortunatament gietni opportunita' nibda nahdem mal-Management Systems Unit izda ghall-paga ferm inferjuri ghal dak li kelli qabel u kelli nara x'naghmel biex nibda inhallas id-dejn li kelli. Hassejt ruhi umiljat u skoncertat. Sheyman kienet siefret lejn il-UAE minnhabba il-kondizzjonijiet tal-permess taghha u anke biex tara lill-genituri taghha u jien irritornajt id-dar tal-genituri tieghi. Dan kien fis-sajf tal-1996. Niftakar li lanqas biss hrigt dak is-sajf tant kont hadt bi kbira it-tradiment tal-partner tieghi u l-konsegwenzi kollha li gabni fihom.*

*Sheyman giet lura Malta u konna niltaqghu regolarment. Fis-sajf tal-1997 regghet irritornat ghand il-genituri taghha u meta kienet hemm, cemplitli biex tiddiskuti mieghi ir-residenza taghha f'Malta. Dak is-sajf kienet spiccat l-ezamijiet finali u kien ser ikollha problema biex tibqa' hawnhekk peress li kellha biss student visa kif gja xehedt. IIli issuggeriet li nizzewgu bhala soluzzjoni ghal dan il-problema. Niftakar li konna iddiskutejna il-possibilitajiet izda ma kienx hemm soluzzjoni ghajr li tizzewweg Malti biex tibqa' hawn. Hi fissritli wkoll li b'passaport Sirjan ikun hemm possibilita li jkollha tirritorna lejn is-Syria u ma riedetx tghix hemm peress li kienet tkun wahidha u lanqas biss kienet taf il-lingwa (Arbija). Dak iz-zmien, ukoll, il-genituri taghha kienu qeghdin jghixu f'Abu Dhabi izda hi ma setghetx tirrisjedi hemm, dejjem skond kif gieghlitni nemmen, fuq is-sahha tal-permess tar-residenza ta' missierha. Dak iz-zmien qaltli car u tond li assolutament ma riedetx tghix fil-Middle East.*

*Jien ghidtilha li ma kontx lest ghaz-zwieg. Ma kellix sold fuq x'iex nahlef u ma kontx f’posizzjoni li immantni familja. Ghaliha dawn ma kienux importanti.  Kien faddlilha xaharejn biss biex tiggradwa w iz-zwieg kien l-uniku soluzzjoni.*

*Iz-zmien kien qed jaghfas u bil-pressjoni li ghamlitli accettajt li nizzewwgu u hekk ghamilna fit-18 ta’ Novembru 1997 bir-Registru taz-Zwigijiet Civili ta' Malta. Izzewwigna wkoll bir-rit Islamiku peress li il-genituri taghha ma kienux ser ituha il-permess altrimenti, u jien cedejt minnhabba il-pressjoni li semmejt.*
*L-inkwiet bejnietna beda mill-bidu nett. Sheyman bdiet tfittex l-impieg izda ma sabitx dak li kienet qed tixtieq peress li kellha standards gholjin hafna. Spiss illitigajna u hi ma kienetx tiehu gost li kont indum nahdem is-sighat twal sabiex inlahhaq mal-hajja. Sa' dak iz-zmien ma kenitx applikat ghall-passaport Malti peress li billi kienet rnizzewga cittadin Malti, hi gja kisbet il-freedom of movement biex tkun tista' tibqa' Malta.*

*Wara li ghaddew ftit xhur kienet sabet impieg bhala Human Resources Manager ta' kumpanija lokali izda mill-ewwel kellha inkwiet mal-managers ta' dipartimenti ohrajn. Harget bl-ideja li tkun tista' tuza' l-passaport Malti biex tahdem f'pajjizi ohrajn u applikajna ghall-passaport Malti lejlet li inbiddlet il-Ligi dwar il-passaporti u cittadinanza. Dan kien fi Frar 1999.*

*F'April ta' dik is-sena hadt xokk iehor meta ommi saret taf li hi wkoll kellha cancer. Xahar wara, missieri wkoll rega' kellu jibda jikkombatti din il-marda. Sheyman kienet bierda u lanqas biss ghinietni jew uriet xi kompassjoni.*

*Ir-relazzjonijiet taghna iddeterjoraw mill-hazin ghall-aghar, anke intimament u inqtajna kuntatti sesswali.*

*Missieri miet f'Awissu 1999 u kelli niehu hsieb ommi. Zdiedu l-argumenti ta' bejnietna peress li hi ma kienetx kuntenta fuq ix xoghol u urietni li iddejqet tghix f'Malta.*

*Bqajt nikkura lil ommi sakemm mietet fi Frar 2000. Bil-flus tal-wirt tieghi investejt f'proprjeta ix-Xemxija. Ftit xhur wara f'Lulju 2000, Sheyman telqet mill-impieg taghha u fl-10 ta' Awissu 2000 telqet lura lejn il-UAE, din id-darba, izda b'passaport Malti. Minn dak iz-zmien ma irritornatx Malta hlief ghal xi hmistax f'Dicembru 2000 biex hadet l-affarijiet taghha. Ghamlithieli cara li ma riedetx tghix f'Malta. Ftit wara kont tlajt sal-UAE biex niddiskutu is-sitwazzjoni taghha. Tgharraft li passaport Malti kien ta' ghajnuna ghal Sheyman biex f' kaz li tahdem, tikseb kondizzjonijiet ta' paga miftuha ghall-barranin li kienu ferm superjuri ghal dawk offruti lill-Arab. Iktar iggelidna milli tkellimna u tlaqt lura lejn Malta qabel il-waqt.*

*Ikkomunikajna b'e-mails bejnietna izda kien deher car Ii ma konniex ser nirrikonciljaw bejnietna. Sabet impieg ghall-qalbha u riedet issegwi il-karriera.*

*Nghid ukoll li konna hadna self bhala parti mill-prezz tal-akkwist tad-dar izda qatt ma kkontribwiet xejn minn mindu abbandunatni.*

*Domna nghixu flimkien ghall-inqas minn tlett snin, liema perjodu kien karatterizzat bi glied u argumenti. Ma kellniex hajja ta' koppja u lanqas tkellimna dwar familja. Anzi milli stajt nosserva, ma kellha ebda intenzjoni li trabbi familja. L-iskop li ghalih izzewwigna kien biss ir-residenza tal-konvenuta f'Malta."*

Illi dan kollu gie kkonfermat u korroborat fl-affidavit ta' oht il-konvenut **Christine Vella.**

## (B) <u>PRINCIPJI LEGALI</u>

Illi l-attur qed titlob l-annullament taz-zwieg mal-konvenuta *stante* li qed jikkontendi li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dimirijiet essenzjali taghha; li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li nkiseb bl-esklussjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi **Art. 19 (1) (d)** jipprovdi li *"il-kunsens kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha".*

Illi l-**art. 19 (1) (d)** jittratta dwar difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. B'dan il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew l-ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. Li kieku kien rikjest maturita shiha u perfetta, ftit jew xejn ikunu validi z-zwigijiet li jigu ccelebrati.

Illi n-nuqqas *tad-discretio judicii* huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra li taghti kunsens liberu u xjenti ghall-komunjoni tal-hajja li ser
titwieled biz-zwieg. (**"Angela Spiteri nee' Selvaggi vs Joseph Spiteri"** (P.A. 4 ta**'** Novembru 1994).

Illi l-Qorti f'dik is-sentenza li *ormai* saret pacifika gurisprudenza, irriferiet ghall-guristi u gurisprudenza Kanonika rigward dan il-kap ta' nullita' fis-sens li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus ... richiede una capacita' intellettuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e' per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, riechiede quindi, una integrita' di mente* e *di liberta', date che si tratta di assumersi una 'servitus' per tutta la vita"* (***Colagiovanni – Forum 1990, Vol. I pt. 1 pg. 72***).

Illi pero' kif inghad, l-immaturita' jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u gurisprudenza *"non si riferisconio ad una piena e terminale maturita, non esigone nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio' che puo' comportare la vita coniugale, ne' un perfetto equilibrio volitivo - affettivo, ne' infine, una conoscienza perfetta delle motivaziorli della scelta matrimoriale. Ecco perche' riesce piu' appropriato l'uso del termine 'discrezione di giudizio' che. fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita' piena"* (***Pompedda M.F.*** **'Il Consenso Matrimoniale'** f'**"Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico** (Padova,1984 p 46).

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata addottat id-definizzjoni ta' **Bersini** fis-sens li d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdependenti u cjoe':-

- *La piena avvertenza*
- *Ii deliberate consenso.*

*"'La piena avvertenza' si riferisce alla sfera intellettiva, 'i deliberato consenso' a quella volitiva."* ....

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita di gudizio e la maturita affettiva ... la maturita di gudizio*

*comporta una consoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri ceniugali che ne derivano proiettati nel future. La maturita affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita, che se sono turbati o inadeguati, intaccano direttamente la volonta* e' *possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero (immaturita affettiva) e ponderato (immaturita' di gudizio.)* (***Bersini F*****, "Il Diritto Canonico Matrimoniale"** Torino. 1994 p. 97)

Illi skond l-istess awtur, il-grad ta' maturita mitlub *"e la maturita di gudizie capace di penderare in concrete I doveri e diritti che une deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto* per *l'atto in Se, al memento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano".*

Illi fil-kliem ta' awtur iehor, ***Viladrich*** *"The discretion of judgment refers to the degree of maturity of comprehension and of the will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through the juridical bond, in unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring".* **(*Viladrich*, *P.J.* "Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Monteal,1993) p. 686.)

Illi l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (P.A. (VDG) 14 t'Awissu 1985) addottat din id-definizzjoni tal-gurista **Canonica Davino**, w osservat is-segwenti:-

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgement can be lacking if any one of the following three conditions or hypotheses is verified:-*

*When sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking;*

*When the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection apt for the nuptial;*

*Or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, the capacity to deliberate with sufficient weighing other motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within."* (Kwotazzjoni mehuda mid-decizjoni tat-**Tribunal Ekklesjastiku ta' Malta** tal-11 ta' Mejju 1990 **Coram Bajada. Forum 2** (1991) pp 173 -174).

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti f'din is-sentenza fuq riferita, dawn huma dawk l-elementi *"li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe', dik tal-unjoni permanenti, esklussiva, irrevokabbli*, *diretta ghall-komunjoni tal hajja u prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied".*

Ghalhekk li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju.

Illi jinghad, li l-attur sostna wkoll li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqara hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew*

*aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi rigward l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** dan l-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *("colorem habens, substantiam vero nullam")* kif ukoll dak parzjali *(colorem habens, substantiam vero alteram)* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi "*eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat il-'*finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali vs Dr. Albert S. Grech *nomine".*** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walshi"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A.14 ta' Awissu 1995) il-Qorti spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fi-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. 1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p. 912):-

*"a poter dedursi la invalidita dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta, ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi fil-kawza **“Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar *et nomine*”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Mejju 2002) inghad li *“meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero’ bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe’, issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe’ saret simulazzjoni parzjali”.*

Illi fil-fatt din il-Qorti taqbel mal-istess definizzjoni u fil-fatt fis-sentenza **“Al Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002 inghad li *“wiehed jinnota li taht l-**artikolu 19 (1) (f)** trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tieghu kien gja’ mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma’ xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg”.*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot l-kuncett ta’ *“l-eskluzjoni pozittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga”*, u cjoe’ simulazzjoni parzjali, il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **“Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et”** (P.A. (NA) 14 ta’ Lulju 1994) elenkat l-element essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*“kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita’ tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta’ u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta’ l-ulied”*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **“Aquilina vs Aquilina”** (P.A. (NA) 30 ta’ Jannar 1991) u fis-sentenza **“Grech vs Grech”** (P.A. (NA) 9 ta’ Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*“consortium vitae”* tikkomprendi zewg elementi u cjoe’ l-imhabba konjugali u

r-responsabilta` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-"consortium vitae" hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-"Consortium Vitae" tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indossolubilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta' u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresuponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indossolubilta' fiz-zwieg.

Illi fil-fatt, **J*. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contract with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (***D.J. Burns***, "**Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions**. **A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indossolubilita') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li inghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci*

*li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' issimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori iz-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

**Illi kif inghad fis-sentenza "**Mary el Metwaly vs Adil Ibrahim el Metwaly**" (P.A. (RCP) 24 t'Ottubru 2002 – Cit Nru: 1820/96/RCP)** fejn jidher li l-konkluzjoni hemm raggunta tapplika wkoll ghal dan il-kaz:

*"Illi kwindi hu ovvju li l-uniku hsieb tal-konvenut meta zzewweg civilment lill-attrici kien li jizzewwigha biex jottjeni l-iskop tieghu cjoe' c-cittadinanza u l-passaport. Barra minn dan hu anke evidenti li hu ma assuma ebda obbligazzjoni jew responsabilita' ta' ragel mizzewweg. B'hekk bla ebda dubju l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat ai termini ta' l-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255."*

Illi huwa sintomatiku wkoll li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica mart Farhat Ben Mohammed Bouchhioua nee' Cernigliaro vs Farhat Ben Mohammed Bouchhiuoua"** (P.A. (RCP) tal-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenuta takkwista ic-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li toqghod u tirrisjedi hawn Malta, u f'dan il-kaz jidher car li tali principji hemm riprodotti japplikaw ghal din is-sitwazzjoni peress li jidher li l-kunsens tal-partijiet kien simulat peress li eskludew pozittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan jaqa' taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

## (c) Apprezzament tal-Provi

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-attur izzewweg lill-konvenuta assenti peress li din ta' l-ahhar kienet ta' nazzjonalita` Sirjana u fiz-zmien meta sehh dan iz-zwieg hija kellha problemi sabiex tibqa' f'dan il-pajjiz anke biex tahdem u kien ghalhekk biss fil-fatt li l-kontendenti zzewwgu fit-18 ta' Novembru 1997 permezz tar-Rit Civili.

Illi l-attur jirrizulta wkoll li ceda ghall-pressjoni li kienet ghamlitlu l-konvenuta sabiex jizzewweg anke peress li huwa stess kien jinsab f'sitwazzjoni kemm xejn difficli, pero` l-punt kollu f'din il-kawza huwa li jidher car li bejn il-partijiet ma kien hemm ebda pjanar kwalunkwe fuq il-hajja mizzewga u fuq id-dmirijiet essenzjali taghha w iz-zwieg issemma biss fil-kutnest li l-konvenuta takkwista l-*freedom of movement* u tkun tista' tghix u tahdem Malta. Mir-rizultanzi jidher ukoll li l-konvenuta fil-fatt hekk ghamlet, sakemm ghal xi raguni jew ohra jidher li ddejqet hawn Malta u sabet post barra minn Malta w abbandunat ghal kollox lill-attur.

Illi fuq l-iskorta tas-sentenzi fuq citati jidher car li dan kien zwieg ta' konvenjenza sabiex jakkomoda l-bzonnijiet tal-konvenuta u li ghalih l-attur dahal konxjenzozament b'dan ghalhekk li t-talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet mputabbli liz-zewg partijiet *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati in kwantu l-istess huma nkompatibbli mat-talba attrici, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1.Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-18 ta' Novembru, tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) huwa null u bla effett skond il-ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taz-Zwieg.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet b'dan li l-Kuraturi Deputati ghandhom jithallsu skond l-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------